# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 48**

**Rikors numru 1063/19/1 NC**

**Michael Mangion u martu Denise Mangion għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur ippreżentat mill-konjuġi Mangion, fil-5 ta' Novembru, 2019, ai termini tal-Artikolu 72 *et sequitur* tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu ngħad:

"Ix-xorta tal-ilment u l-fatti li minnhom inqala' l-ilment

(1) Ir-rikorrenti Michael Mangion jeserċita l-kummerċ fl-importazzjoni u bejgħ, *inter alia*, ta' madum taċ-ċeramika u prodotti u aċċessorji oħra relatati mal-istess. Dan in-negozju beda jeserċitah riċentement u l-kunsinna li tat lok għal dan l-ilment kienet għalih l-ewwel waħda tiegħu ta' dan il-ġeneru.

(2) Din il-merkanzija ġiet akkwistata miċ-Ċina.

(3) Kif sejjer jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, l-istanti kien jinkariga, inkluż fil-każ odjern, lil ċertu Michael Quattromani sabiex dan jeħodlu ħsieb u jippreparalu d-dokument li jridu jiġu sottomessi lid-Direttur intimat; l-esponenti kien dejjem isegwi metikolażament id-direttivi ta' din il-persuna meta jitratta mal-awtoritajiet doganali lokali, u dan peress li hu mhux intiż u kapaċi jipprepara d-dokumenti neċessarji waħdu.

(4) Fil-fatt Michael Quattromani ilu, għal snin twal, jeżerċita dan il-mestier ta' preparazzjoni tad-dokumenti doganali għal oġġetti importati u diversi importaturi jagħmlu użu mis-servizzi tiegħu għal dan il-għan. Ir-rikorrenti ilu juża s-servizzi ta' Michael Quattromani għal negozju differenti, għal dawn l-aħħar tmien snin u qatt ma kellu xi inkwiet mal-awtoritajiet doganali attribwibbli għal Michael Quattromani.

(5) Kif diġa` ngħad, il-każ mertu tar-rikors odjern jikkonċerna importazzjoni ta' erba' *containers* bi kwantita` ta' madum taċ-ċeramika li dwarhom, ir-rikorrenti, kif jagħmel dejjem, inkariga lil Michael Quattromani biex jeħodlu ħsieb jippreparalu d-dokumenti relattivi għas-sottomissjoni lid-Direttur intimat. L-istanti fil-fatt ħallas l-ammont ta' dazju li ndikalu l-istess Michael Quattromani flimkien ma' xi ħlasijiet oħra lil entitajiet oħrajn responsabbli għat-trasport tal-merkanzija u l-operazzjoni tal-ħatt ġewwa l-Port Ħieles.

(6) Wara li ħallas kull pagament indikat lilu, ir-rikorrenti mar biex jirtira l-merkanzija mill-Port Ħieles fejn ġie nfurmat illi meta ġew sottomessi d-dokumenti relatati mal-merkanzija impurtata, kien tħalla barra, bi svista, il-ħlas tal-*anti-dumping duty* li hi forma ta' *levy* imposta fuq ċerta merkanzija impurtata minn ċerti pajjiżi, fosthom iċ-Ċina u għalhekk l-esponenti ma tħalliex jirtira l-merkanzija. Huwa ġie nfurmat illi l-istess merkanzija kienet ser tiġi kkunfiskata.

(7) Meta r-rikorrenti iffaċja lil Michael Quattromani u nfurmah b'dan, l-istess Quattromani mill-ewwel ammetta li kien żball tiegħu li ħalla bara l-*anti-dumping duty* mid-dikjarazzjoni sottomessa, u dan 'l għaliex ma kienx jaf biha, u hu saħansitra ammetta dan l-iżball permezz ta' *text message* mibgħut minnu lir-rikorrenti. Infurmah ukoll illi kien se jagħmel dak kollu li seta biex jirranġa dan l-iżball. Tali sforz jidher li ma kellux riżultati pożittivi għax il-merkanzija baqgħet miżmuma konfiskata ġewwa l-Port Ħieles u llum hi s-suġġetta għan-Nota ta' Qbid numru 352/2019, li appuntu minħabba fiha, qed jiġu ntavolati dawn il-proċeduri.

(8) Wara ħafna trattativi mad-Direttur intimat, il-merkanzija ittieħdet ġewwa mħażen f'Ħal-Far. Wara diversi tentattivi sabiex jiġi spjegat il-każ kif żviluppa u jiġi konkluż amministrattivament, inħarġet (fit-8 ta' Ottubru 2019) in-Nota ta'

Qbid – numru 352/2019 – sabiex b'hekk ir-rikorrenti seta' jibda l-proċeduri odjerni. Din in-Nota nħarġet kważi tlett xhur mill-wasla ġewwa Malta tal-merkanzija in diżamina.

(9) L-intimat ġie nfurmat bil-miktub biċ-ċircostanzi esposti f'dar-rikors u li r-rikorrenti hu kompletament estranju għal kull allegat ksur ta' provvedimenti tal-Kap. 37, *inter alia* dawk ċitati fin-Nota mertu tal-kawża odjerna, u ma jista' qatt jinżamm responsabbli tal-ebda ksur tal-provvedimenti ċitati stante li, anke applikabbli, id-dikjarazzjoni sottomessa lid-Direttur intimat m'għamilhiex hu imma inkariga persuna li x-xogħol prinċipali tagħha hu appunti t-tħejjija tad-dokumenti neċessarji biex oġġetti impurtati f'Malta jiġi mħallas fuqhom id-dazju u kull imposta oħra rikjesta mil-liġi. L-intimat ġie nfurmat ukoll bil-miktub li r-rikorrenti kien se jikkontesta l-konfiska tal-merkanzija quddiem din l-Onorabbli Qorti.

(10) Ir-rikorrenti kien ilu għal snin twal juża s-servizzi ta' Michael Quattromani; huwa aġixxa *in buona fede* u huwa għal kollox estraneju għal żball li għamel ħaddieħor.

<u>Ir-raġunijiet 'l għaliex l-ilment għandu jintlaqa'</u>

(11) Għar-raġunijiet esposti għandu jintlaqa' l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet konsegwenzjali għall-istess.

(12) Il-qbid tal-merkanzija proprjeta` tar-rikorrenti effettwat l-attivita` kummerċjali tal-istess u kkawżatilhom danni nġenti; ir-rikorrenti kellhom jirrikorru għal akkwist u investimenti ulterjuri, u dan ikkawża, u għadu qiegħed jikkawża, danni lir-rikorrenti, inkluż telf ta' bejgħ u deprezzament tal-merkanzija maqbuda. Ir-rikorrenti ser jibqgħu isofru dawn id-danni sakemm l-istess merkanzija ma tiġix debitament rilaxxjata.

<u>Talbiet</u>

**Jgħid għalhekk l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana), 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanti**:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi n-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 352/2019 ġiet maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Dwana) nġustament, b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lili mill-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe każ irregolarment;

2. tordna r-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 352/2019;

3. tordna lill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex, fi żmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jeħles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-merkanzija kollha proprjeta` tal-istess rikorrenti u miżmuma fil-pussess tal-

intimat Direttur Ġenerali (Dwana) skont in-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 352/2019.

B'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur ġenerali (Dwana) illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta tal-intimat id-Direttur Ġenerali (Dwana) tas-16 ta' Diċembru, 2019, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet segwenti:

i) Illi l-fatti jikkonċernaw importazzjoni ta' tlett elef sitt mija tlieta u sittin (3,663) kartuna madum mir-rikorrent skont id-dikjarazzjoni li l-istess rikorrent, għamel mad-Dwana permezz tad-dokument li jġib in-numru ta' referenza TD ID 201960497376, flimkien ma' diversi *supporting documents* oħra kif titlob tali dikjarazzjoni ta' importazzjoni. Illi jirriżulta ċar mill-istess dikjarazzjoni doganali li kienet neċessarja sabiex tiġi importata l-merkanzija in kwistjoni, li r-rikorrent iddikjara li kien se jimporta madum li joriġina minn Hong Kong u li l-ebda *anti-dumping duty* ma kien dovut. Pero` rriżulta, wara li l-uffiċjali tad-Dwana spezzjonaw fiżikament il-merkanzija u vverifikaw mal-informazzjoni fid-dokumenti tal-imsemmija dikjarazzjoni, li l-madum iddikjarat li oriġina minn Hong Kong, kien effettivament joriġina miċ-Ċina. B'riżultat ta' din id-dikjarazzjoni skorretta fir-rigward tal-oriġini li biha kellha tiġi dikjarata għall-ħlas u rilaxx tal-istess merkanzija li toriġina miċ-Ċina, ir-rikorrenti kienu se jevadu *anti-dumping duty* ta' 30.6% u l-VAT relattiv ikkalkulat fuq il-valur tal-merkanzija;

ii) Illi b'kuntrast ma dak li qed jipprova jagħti x'jifhem ir-rikorrent Michael Mangion, il-ħlas tal-*anti-dumping duty* ma tħalliex barra bi svista, iżda fuq id-dikjarazzjoni doganali ġie dikjarat li l-madum kien joriġina minn Hong Kong, mentri fil-verita` l-madum kien joriġina miċ-Ċina – l-imposta tal-*anti-dumping duty* tapplika biss għall-madum li joriġina miċ-Ċina *ai termini* tar-Regolament (UE) Numru 917/2011;

iii) Illi din id-dikjarazzjoni skorretta tfisser li l-Gvern kien se jitlef dħul ta' erbat elef tmien mija u tlieta u ħamsin Ewro (€4,853) f'*anti-dumping duty*, u tmien mija erbgħa u sebgħin Ewro (€874) f'VAT, kieku din l-importazzjoni ma kinitx spezzjonata;

iv) Illi fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li ma jaħtix hu għad-dikjarazzjoni skorretta iżda kien l-għemil tas-Sur Michael Quattromani li wassal għal din id-dikjarazzjoni errata u li b'konsegwenza m'għandux ibati hu għal dan l-iżball, l-esponent jirribatti li fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent kien direttament responsabbli għad-dikjarazzjoni skorretta ġialadarba r-rappreżentant doganali Michael Quattromani kien qiegħed jaġixxi

direttament f'isem u għan-nom ta' persuna oħra (f'dan il-każ tar-rikorrent) ai termini tal-artikolu 18 tat-Taqsima 2 tar-Regolament tal-UE Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;

v) Illi fi kwalunkwe każ, huwa l-importatur li jibqa' responsabbli li jippreżenta d-dokumentazzjoni korretta lill-Awtoritajiet doganali, u l-iskużanti tar-rikorrent li mhuwiex intiż u kapaċi fil-preparazzjoni tad-dokumenti neċessarja hija bid-dovut rispett, għall-kollox fiergħa u mingħajr ebda relevanza għall-proċeduri odjerni;

vi) Illi di piu`, il-proċedura tal-konfiska doganali hija proċedura *in rem*, u għalhekk għal fini ta' dawn il-proċeduri huwa assolutament irrelevanti l-argument tar-rikorrent meta jgħid li kien għal kollox estraneju għad-dikjarazzjoni skorretta li għamel Michael Quattromani. Il-kompitu ta' din l-Onrabbli Qorti huwa li tiddetermina jekk il-konfiska tal-merkanzija saritx fil-parametri tal-liġijiet doganali;

vii) Illi l-esponent ikkonfiska l-merkanzija u eventwalment ħareġ in-Nota ta' Qbid numru 352/2019 ai termini tal-Liġijiet doganali, u f'każ li r-rikorrent jidhirlu li n-nuqqas ta' Michael Quattromani irrekalu telf finanzjarju, għandu jitlob kumpens lill-istess Michael Quattromani, u mhux tintalab ir-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid maħruġa mill-esponent li mexa skont l-obbligi tiegħu ai termini tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għalhekk, a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat fir-rikors promotur, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ċertament jaqgħu fl-ambitu tal-artikolu 18 tal-Kap. 37 li jikkonċerna dikjarazzjonijiet skorretti, bħal fil-każ in eżami. Fil-fatt l-isemmi artikolu jipprovdi li:

> "Kull min jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih, koll b'oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom, jew, **direttament jew indirettament, jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih jew jiddikjara jew iġiegħel li jiġi ddikjarat** koll bħala li fih oġġetti ta' isem, li mbagħad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna tagħhom, li fih oġġetti oħra, jew **oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew ddikjarati**, din il-persuna teħel, għal kull reat bħal dan, multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u **dak il-koll u l-oġġetti ta' ġewwa fih għandhom jiġu kkonfiskati**".

3. Illi d-dikjarazzjoni skorretta magħmula mir-rappreżentant tar-rikorrent saret ukoll bi ksur tal-artikolu 62(m) tal-Kap. 37;

4. Illi d-deċiżjoni tal-esponent li jaqbad l-imsemmija merkanzija hija konformi mal-fatt li r-Regolament 917/2011 tal-Unjoni Ewropeja jistipula rata ta' *anti-dumping duty* fir-rigward ta' madum taċ-ċeramika provenjenti miċ-Ċina

u manifatturat mill-kumpannija '*Guangdong Overland Ceramics Co. Ltd*' kif hemm indikat f'Anness I tal-Imsemmi Regolament;

5. Illi l-merkanzija in kwistjoni kienet rilaxxjata lir-rikorrent kontra *bank draft* fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro (€21,587) permezz ta' ftehim bejn il-partijiet datat 21 ta' Novembru, 2019, u dan ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont qed jagħmel tajjeb għall-kull pretensjoni skont il-liġi u għal fini ta' kull proċediment meħud taħt il-Kap. 37, inkluż din il-kawża. Għalhekk l-argument tar-rikorrent li l-qbid qiegħed jaffetwa l-attivita` kummerċjali tiegħu u li kien u għadu qed jikkawża danni nġenti huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u *se mai* irid jiġi ppruvat;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra tagħhom".

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti hekk kif mitluba fir-rikors promotur, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba hekk kif imressqa fir-rikors promotur, bl-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti Mangion.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2020, ġie ppreżentat affidavit tar-rikorrent **Michael Mangion** (*a fol.* 22) fejn beda billi qal li huwa jinnegozja fil-*mobile phones* u aċċessorji tagħhom u li s-sena ta' qabel huwa beda linja ta' negozju ġdida li kienet tikkonsisti fl-importazzjoni ta' oġġetti ta' ċeramika bħal madum u aċċessorji relatati magħhom. Jgħid li meta mporta l-ewwel erba' *containers* madum dawn ġew miżmuma mid-Dwana u, meta staqsa għala, ġie infurmat li ma kinitx saret dikjarazzjoni tal-*anti-dumping* u li wara sar jaf li din hi meħtieġa biss fil-każ ta' madum taċ-ċeramika minħabba l-prezzijiet pjuttost baxxi tagħhom meta mixtrija miċ-Ċina. Jispjega li l-prodotti l-oħra li jimporta huwa jimpurtahom minn Dubai u xi drabi miċ-Ċina u fuq dawn il-prodotti m'hemmx

it-taxxa tal-*anti-dumping*. Jgħid li meta jimporta affarijiet minn barra huwa dejjem kien juża s-servizzi ta' ċertu Michael Quattromani sabiex jippreparalu d-dokumenti neċessarji ħalli jimporta dawn il-prodotti. Jispjega li Quattromani jipprepara kollox fuq *invoices* li jgħaddilu huwa stess u l-istess Quattromani jdaħħal kollox fis-sistema tad-Dwana. Jgħid li huwa (ir-rikorrent) imbagħad kull ma jagħmel hu li jħallas dak li Quattromani jgħidlu. Jixhed li, f'dan il-każ, hu (ir-rikorrent) għamel l-istess iżda meta l-kunsinna nżammet mid-Dwana huwa sar jaf li ma kinitx tħallset it-tariffa ta' *anti-dumping* u meta ffaċċja lil Quattromani, dan qallu li ma kienx jaf li kellha tiġi nkluza l-*anti-dumping levy* fuq l-oġġetti u dana minkejja li hu (ir-rikorrent) kien qallu li x-xogħol kien miċ-Ċina. Jgħid li Quattromani ammetta li kien tort tiegħu u kien ser jipprova jirranġa s-sitwazzjoni iżda huwa ma rnexxilux u r-rikorrent ħa lura x-xogħol billi għamel garanzija bankarja ta' aktar minn għoxrin elf Euro (€20,000) u li minbarra dan weħel ukoll spejjeż oħra tal-*Freeport* sakemm id-Dwana tellgħu x-xogħol fl-imħażen. Jgħid li peress li hu ma kellux x'jaqsam f'din il-kwistjoni peress li d-dikjarazzjoni tad-Dwana kien ippreparaha u ppreżentaha Quattromani, kellu jieħu dawn il-proċeduri.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 31 *et seq.*), spjega li huwa jimporta minn kollox u li kien ilu diversi snin jagħmel dan ix-xogħol. Jgħid li din kienet l-ewwel darba li mporta madum miċ-Ċina. Ikkonferma li huwa kien l-impurtatur tal-merkanzija maqbuda. Mistoqsi jgħid rigward dak li vverifika li hu rikjest qabel ma' importa l-prodotti miċ-Ċina, jistqarr li huwa ċċekkja ma' Quattromani u l-unika ħaġa li Quattromani qallu kienet li kien hemm il-VAT u d-dazju u mill-bqija ma qallu xejn aktar. Jispjega li mar iċ-Ċina għal *container* wieħed imma l-madum kien tant irħis li ġab erba' *containers*. Jgħid li huwa ma jifhimx fl-affarijiet tad-Dwana u li jmur dejjem għand Quattromani u huwa jgħidlu kemm irid iħallas. Jikkonferma li dak li jagħmel Quattromani jagħmlu f'ismu u jgħid li ilu juża s-servizzi ta' Quattromani madwar seba' snin. Jispjega li hu (r-rikorrent) mar id-Dwana ħalli jħallas dak dovut u kien biss wara li mar bil-karti Ħal Far li ġie nfurmat bil-kwistjoni u ċioé li minflok iċ-Ċina kien hemm imsemmi li l-prodott kien ġej minn Hong Kong. Għad-domanda għalfejn skont hu d-Dwana ma aċċettawx id-dikjarazzjoni, wieġeb li minħabba li ma kienx hemm inkluż l-*anti-dumping*. Spjega li l-*invoices* kienu minn Hong Kong biss isostni li lil Quattromani huwa dejjem spjegalu li l-prodott kien ġej miċ-Ċina. Jgħid li bl-*anti-dumping* l-prezz jogħla ħafna u meta mqabbel mal-prodott mill-Indja, il-prodott miċ-Ċina ma jkunx kompetittiv. Jixhed li x-xogħol ħadu wara li ħallas dak li kellu jħallas inkluż li ta garanzija. Jgħid li l-prodott biegħu kważi kollu u li l-ispejjeż tal-*containers* u tal-*Freeport* ġew imħallas minn Quattromani minħabba li kien żball tiegħu. Jispjega wkoll li weħel madwar elf u sitt mitt Euro (€1,600) spejjeż tal-burdnar minħabba li kellu jħott darbtejn. Jgħid li kien irrabjat ma' Quattromani.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, xehed **Michael Quattromani** (*a fol.* 62 *et seq*) fejn spjega li huwa ilu jaf lir-rikorrent Mangion għal dawn l-aħħar sitt jew seba' snin minħabba li bħala impurtatur huwa kien jagħmillu l-karti tad-Dwana. Jispeċifika li kien jagħmel l-*entry* tad-Dwana fis-sens li kien jiddikjara li kien jimporta minn barra u li kien jagħmel il-kalkoli ta' dak li ried jitħallas lid-Dwana fuq l-affarijiet individwali li kienu qed jiġu impurtati u skont dawn il-kalkoli kien isir ħlas lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana. Dan l-eżerċizzju kien

jirriżulta fi ħlas tad-*duty* u tal-VAT. Jikkonferma li prinċipalment ir-rikorrent Mangion kien jimporta affarijiet relatati mal-*mobiles*. Dwar il-każ in kwistjoni, jispjega kif kien kollu tort tiegħu minħabba li kien ħares minn fejn ġej is-*supplier* minflok fejn kien manifatturat il-prodott bil-konsegwenza li la kien ġej minn Hong Kong huwa daħħal Hong Kong flok iċ-Ċina. Jixhed li pprova jispjega lid-Dwana li dan kien żball ġenwin imma huma kienu tal-fehma li saret dikjarazzjoni ħażina. Jgħid li huwa ndika Hong Kong minħabba li l-indirizz tas-*supplier* kien Hong Kong. Jispjega li, wara li ġie infurmat b'din il-kwistjoni, huwa baqa' jsegwi l-kwistjoni għax ix-xogħol ma setax jibqa' l-*freeport* u jispjega wkoll li d-Dwana żammet ix-xogħol fil-kustodja tagħha

In <u>kontro-eżami</u> jikkonferma li oriġinarjament Mangion kien infurmah li x-xogħol kien ġej miċ-Ċina. Jikkonferma wkoll li ġie li mporta affarijiet minn barra l-Ewropa u li huwa familjari ma' l-*anti-dumping duty*. Mistoqsi dwar il-verifiki li għamel dwar il-prodott, jispjega li dik il-ġimgħa kien waħdu l-uffiċċju u li ried ilaħħaq ma' kullħadd u li f'dawn iċ-ċirkostanzi bi żball ħares lejn is-*supplier* u li dak kien l-iżball tiegħu. Jikkonferma li minħabba li ma niżżilx li l-prodott kien ġej miċ-Ċina huwa ma nkludiex l-*anti-dumping duty*. Jistqarr li huwa daħħal il-kodiċi tal-madum u li ma għamilx tajjeb kien id-*denomination* tal-pajjiż. Jgħid li l-kodiċi tal-oġġett jibqa' l-istess jiġi minn fejn jiġi u li jinbidel huwa l-pajjiż. Jikkonferma li dak li għamel kien qed jagħmlu f'isem ir-rikorrent Mangion.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' **Timothy Galea** (*a fol.* 74) fejn spjega li jokkupa l-kariga ta' Uffiċjal tad-Dwana fid-Dipartiment tad-Dwana u fejn qal li huwa eżamina l-*containers* fejn kien hemm il-merkanzija tar-rikorrenti. Jispjega li l-*contianers* ġew dikjarati lid-Dwana u fid-dikjarazzjoni kien hemm imsemmi li l-*containers* kien fihom madum tal-art li kien joriġina minn Hong Kong. Jgħid li l-konsenja ta' madum ġo l-erba' *containers* ġiet miżmuma mid-Dwana għal aktar investigazzjonijiet meta mid-dokumentazzjoni rriżulta li l-madum kien manifatturat fiċ-Ċina u mhux Hong Kong u għalhekk kellu japplika għalih id-dazju tal-*anti-dumping* u l-VAT relattiv u li b'hekk id-dikjarazzjoni kienet skorretta peress li d-dazju tal-*anti-dumping* u l-VAT relattivi fuqu, ċioé €4853 u €874 rispettivament ma ġewx imħallsa.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 81 *et seq.*), jispjega li wara li nduna li l-madum kien miċ-Ċina kien tkellem ma' Michael Mangion u huwa nduna li kien għamel żball. Jikkonferma wkoll li Michael Mangion kien qallu li l-karti kien għamilhom Michael Quattromani. Jgħid li hu qatt ma kellem lil Quattromani.

### Ikkunsidrat

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif kontenuti fir-Rikors tagħhom, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrent Michael Mangion jeżerċita kummerċ fl-importazzjoni u bejgħ u li l-affarijiet li ġeneralment jimporta huma *mobiles* u aċċessorji relatati mal-*mobiles*. Mangion jgħid li ddeċieda li jimporta provvista ta' madum miċ-Ċina minħabba li f'għajnejh din kienet irħisa u jgħid ukoll li ma kienx jaf li magħha kien hemm marbuta tariffa tal-*anti-dumping*. Mangion qabbad lil ċertu Michael Quattromani sabiex jippreparalu l-karti li

huma neċessarji sabiex jippreżentahom lid-Dipartiment tad-Dwana u b'hekk jitħallas id-dazju u l-VAT.

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li l-importazzjoni ta' madum miċ-Ċina huwa milqut minn tariffa ta' *anti-dumping*. Da parte tiegħu, l-imsemmi Quattromani jixhed li meta kien qed idaħħal l-informazzjoni fis-sistema tad-Dipartiment tad-Dwana u ġie biex jindika l-provenjenza huwa ndika li l-madum in kwistjoni kien manifatturat Hong Kong. Għandu jingħad li d-differenza tal-oriġini kienet tfisser li kieku l-madum kien jinħadem Hong Kong dan ma kienx jiġbed fuqu t-tariffa tal-*anti-dumpin*g. Din it-tariffa u l-VAT fuqha kienu jissarfu f'erbat'elef, tmien mija u tlieta u ħamsin Euro (€4,853) bħala dazju tal-*anti-dumping* u tmien mija u erbgħa u sebgħin Euro (€874.00) bħala VAT.

Illi meta x-xogħol wasal Malta, l-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana ndunaw b'din id-differenza u żammew il-prodott. Sabiex il-prodotti setgħu jiġu rilaxxati lir-rikorrenti u huma setgħu jeħduhom, ir-rikorrenti kellhom iħallsu s-somma ta' wieħed u għoxrin elf Euro, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro (€21,587).

Illi, kemm fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 11 *et seq.*) u kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 92 *et seq.*), l-intimat Direttur Ġenerali tad-Dwana jgħid li l-*anti-dumping* kien qed jiġi impost *ai termini* tar-Regolament Ewropew bin-Numru 917/2011. Għandu jingħad li l-merkanzija mertu tal-proċeduri odjerni ġiet maqbuda fis-sena 2019 u jingħad ukoll li meta l-Qorti rat ir-Regolament Ewropew in kwistjoni rriżultalha li r-Regolament ilu mhux fis-seħħ mit-23 ta' Novembru 2017! Il-Qorti tifhem li r-Regolament Ewropew applikabbli huwa r-Regolament Ewropew bin-Numru 2017/2179.[1]

Illi l-Qorti ser issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Talba**

**(Li l-intimat uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu mill-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ħażin):**

Illi in sostenn ta' din it-talba r-rikorrent Michael Mangion jispjega li din il-kwistjoni hija kollha riżultat ta' żball ġenwin ta' Michael Quattromani, ċioé l-persuna mqabbda minn Michael Mangion sabiex jipprepara d-dikjarazzjonijiet li kellhom jiġu ppreżentati lid-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, minħabba li l-istess Michael Mangion mhux intiż fis-suġġett.

Illi, minn naħa tiegħu, l-intimat jeċċepixxi li huwa dejjem l-impurtatur li huwa responsabbli għad-dikjarazzjonijiet li jsiru lid-Dipartiment tad-Dwana. L-intimat jisħaq ukoll li l-proċedura ta' konfiska doganali hija proċedura *in rem* u

[1] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2179 tat-22 ta' Novembru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

għalhekk huwa rrilevanti dak li jgħid ir-rikorrent, u ċioé li huwa estraneu għad-dikjarazzjoni skorretta.

Illi d-Direttur tad-Dwana jilmenta wkoll li Artikolu 18 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda eċċezzjoni u ma hemm l-ebda ċirkostanza li fiha l-qbid jista' jiġi evitat. L-intimat jilmenta wkoll li jekk kien żball dan kien żball ta' traskuraġni u li għalhekk ma jistax jitqabbel mal-każijiet preċedenti.

Illi minn Nota ta' Qbid bin-Numru 352/2019 (*a fol.* 5) jirrizulta li mid-Dipartiment tad-Dwana ttieħdet l-azzjoni ab bażi ta' Artikoli 18 u 62(m) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi Artikolu 18 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> "Kull min jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih, koll b'oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom, jew, direttament jew indirettament, jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih jew jiddikjara jew iġiegħel li jiġi ddikjarat koll bħala li fih oġġetti ta' isem, li mbagħad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna tagħhom, li fih oġġetti oħra, jew oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew iddikjarati, din il-persuna teħel, għal kull reat bħal dan, multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u dak il-koll u l-oġġetti ta' ġewwa fih għandhom jiġu kkonfiskati." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tifhem li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu saret minħabba li fil-fatt jirrizulta li l-merkanzija in kwistjoni kienet suġġetta għal rata ta' *anti-dumping* u Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, liema ammonti ma ġewx inklużi fid-dikjarazzjoni tar-rikorrenti b'dana illi kieku l-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana ma ndunawx li l-oriġini tal-merkanzija kienet iċ-Ċina, ma kienux ser jiġu mħallsa l-*anti-dumping* u l-VAT.

Illi tajjeb jingħad b'mod simplifikat li l-iskop kollu li tiġi mposta tariffa ta' *anti-dumping* huwa sabiex ikun hemm ekwilibriju fejn hemm żbilanċ kompetittiv meta prodott jiġi mibjugħ fis-suq bi prezz li huwa orħos minn dak li fil-fatt huwa l-prezz tiegħu.

Illi fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet **Priscilla Cassar et vs. Kontrollur tad-Dwana** (Appell Ċivili Numru 167/2007/2) il-Qorti tal-Appell għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u qalet hekk:

> "B'dan l-aggravju l-intimat qed jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti qieset ħafna l-intenzjoni tar-rikorrenti u l-aġir tagħhom, waqt li peress li dawn il-proċeduri jitqiesu *in rem*, m'għandux isir studju tal-intenzjoni tar-rikorrenti, u l-konfiska kellha ssir għall-fatt biss li l-merkanzija ma kienitx ġiet dikjarata. Anke hawn, din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-intimat appellant. Il-qrati jridu jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiddeċiedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'għandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku mingħajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wieħed jiddeċiedi jekk ġewx vjolati

jew le d-dispożizzjonijiet tal-liġi, irid jitqies l-aġir tal-allegat vjolatur, tant li din il-Qorti fil-kawża **Camilleri v. Kontrollur tad-Dwana**, deċiża fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'każ ta' negliġenza jew żball ġenwin, u li hemm bżonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska".

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2021 fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited (C 11233) vs. Direttur Generali (Dwana)** (Rikors Numru 952/2013/1) fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"22. Għandu jingħad mal-ewwel, li l-liġi tad-Dwana, fl-Artikolu 73 (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta), tikkontempla proċedura speċjali sabiex persuna tipproponi kawża bil-ħsieb li l-oġġetti maqbuda jinħelsu. Hekk għamlet is-soċjeta' rikorrenti meta ressqet il-kawża odjerna. Għalkemm persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-Qorti xorta jkollha tapplika l-liġi sostantiva għall-fatti tal-każ li jkollha quddiemha. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana**:

*"Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu "lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruga mill-intimat … iżda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat."*

23. Madankollu kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Marzu, 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Michael Mangion et v. il-Kontrollur tad-Dwana**, (liema sentenza kienet ikkonfermata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017) u li trattat l-Artikoli 18, 60 u 61 tal-imsemmi Kap. 37:

*"Qabel ma' dina l-Qorti tibda biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati tagħna jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiddeċiedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'għandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku mingħajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeċiedi jekk ġewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-liġi, irid jitqies l-aġir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-kawża Camilleri vs. Kontrollur tad-Dwana, deċiża fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'każ ta' negligenza jew żball ġenwin, u li hemm bżonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Filfatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'każ li tkun tirriżulta diskrepanzi fil-kwantita' tal-oġġetti mportati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub- artikolu (2) jipprovdi li m'għandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirriżulta li "d-diskrepanza tkun ġiet minhabba fi żball ġenwin." Biex jiġi konstatat jekk kienx hemm "żball ġenwin", trid issir analiżi tal-komportament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kienx wieħed intenzjonali jew le".*

Illi d-Direttur Ġenerali tad-Dwana jgħid li Artikolu 18 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta ma jinkludix il-possibilita' li l-konfiska ma sseħx minħabba żball ġenwin u dana b'distinzjoni mill-Artikolu 61 tal-istess Kapitolu 37. Il-Qorti hija tal-fehma li l-element ta' intenzjonalita' jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta jiġi

applikat Artikolu 18. F'dan ir-rigward, il-Qorti terġa tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited (C 11233) vs. Direttur Generali (Dwana)** hawn fuq ġia kwotata fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "24. Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ in eżami, tabilħaqq jirriżulta li għandha raġun is-soċjeta' rikorrenti appellanti meta jingħad minnha li mill-provi in atti ma jirriżultax l-element intenzjonali li jitwettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 37. […]
>
> 26. <u>Huwa ritenut li l-element intenzjonali huwa essenzjali sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 18</u>, liema element, huwa ritenut nieqes f'dan il-każ. L-aqwa prova dwar il-*buona fede* tal-partijiet hija l-korrispondenza ....". [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-intimat dwar ir-rwol istituzzjonali tad-Dwana u tifhem ukoll l-argument imressaq minnu fejn fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jgħid li dan imur a detriment ta' dawk l-impurtaturi li jwettqu dmirhom b'diliġenza. Biss pero' huwa minnu li, kif ben tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata aktar il-fuq, li wieħed irid dejjem jieħu in konsiderazzjoni l-kwistjoni tal-intenzjonalita'.

Illi, apparti li l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-ġurisprudenza kwotata aktar il-fuq, il-Qorti ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni is-segwenti:

- dak li ngħad mir-rikorrent Mangion: li hu kien ħalla kollox f'idejn Quattromani;

- dak li ngħad minn Quattromani: li jgħid li kien kollu tort tiegħu minħabba li kien ħares minn fejn ġej is-*supplier* minflok fejn kien manifatturat il-prodott bil-konsegwenza li la kien ġej minn Hong Kong huwa nserixxa Hong Kong flok iċ-Ċina;

- mill-*invoice* (Dok. "TG 2" – *a fol.* 78) hemm indikat bl-aktar mod ċar, kemm taħt id-data kif ukoll fid-dikjarazzjoni fl-aħħar tal-*invoice*, li l-prodotti kienu manifatturati fiċ-Ċina;

- fid-dikjarazzjoni (Dok. "TG 3" – *a fol.* 79) hemm ripetut ukoll bl-iktar mod ċar li l-prodott kien manifatturat iċ-Ċina;

- fil-kawża **Panta Marketing and Services Limited (C 11233) vs. Direttur Generali (Dwana)** hawn fuq kwotata u li saret riferenza għaliha wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti in sostenn tat-talbiet tagħhom, is-soċjeta' Panta Marketing and Services Limited kien irnexxielha tipprova kif l-iżball tagħha kien frott nuqqas ta' komunikazzjoni qalb il-*management* tal-istess kumpanija (fejn hemm diversi impjegati) u dana ppruvawh ukoll billi ppreżentaw *emails* li kellhom mas-soċjeta' estera li minn għandha mpurtaw il-merkanzija li turi li l-iżball kien tassew ġenwin. Dan ma jirriżultax fil-każ odjern.

Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex pruvat li kien hemm nuqqas ta' intenzjonalita' fil-imġieba tar-rikorrenti u tar-rappreżentat tagħhom. Għaldaqstant ma jirriżultax li n-Nota ta' Qbid in kwistjoni ġiet maħruġa mill-intimat inġustament jew irregolarment, jew b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti ser tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti hekk kif mitluba fir-Rikors promutur.

**It-Tieni (2) Talba**

**(Revoka tan-Nota ta' Qbid):**

Illi f'din it-talba r-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tordna r-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 352/2019.

Illi filwaqt li l-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel talba u ġialadarba l-Qorti ser tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti, b'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad ukoll it-tieni talba tagħhom.

**It-Tielet (3) Talba**

**(Rilaxx tal-merkanzija):**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-merkanzija in kwistjoni ġiet rilaxxata. Dan jirriżulta mill-kontro-eżami li sar lir-rikorrent Michael Mangion. Mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tiegħu jirriżulta hekk:

> "Il-Qorti: Illum ħadtu inti?
>
> Ix-xhud: Il-madum? Ehe.
>
> Dr. Isaac Zammit: Ħadu Iva, *against a guarantee*.
>
> Il-Qorti: Illum irtirajtu inti.
>
> Ix-xhud: Irtirajtu" (*a fol.* 35).

Illi jirriżulta paċifiku li l-madum in kwistjoni llum jinsab rilaxxat. Mhux talli hekk, talli mill-istess kontro-eżami tar-rikorrent Michael Mangion jirriżulta wkoll li Mangion biegħ parti mill-kunsinna.

Illi b'hekk isegwi li t-talba in eżami hija issa sorvolata u ma għadx hemm lok li l-Qorti tiddeċiedi fuqha u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha".

5. Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti konjuġi Mangion li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-

27 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet premessi fil-proċeduri odjerni u tilqa' t-talbiet tal-appellanti kif premessi minnhom fir-rikors promotur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana, li permezz tagħha wieġeb li, ir-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha għalhekk tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti konjuġi Mangion qegħdin jattakkaw in-nota ta' qbid li ġġib referenza 352/2019 maħruġa fit-8 ta' Ottubru, 2019, mid-Direttur Ġenerali (Dwana), fil-konfront tar-rikorrent Michael Thomas Alfred Mangion fir-rigward ta' numru ta' kaxxi tal-madum taċ-ċeramika hekk kif

elenkati fl-istess nota ta' qbid (ara Dok. "A" anness mar-rikors promotur) u dan għall-finijiet tal-Artikolu 18, kif ukoll l-Artikolu 62(m) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti jikkontendu li l-imsemmija nota ta' qbid inħarġet inġustament fil-konfront tar-rikorrent u b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lid-Direttur intimat peress li d-dikjarazzjoni żbaljata saret da parti terza persuna nkarigata minnu bi żball, mentri r-rikorrent aġixxa *in buona fede* u huwa għal kollox estranju għall-iżball li għamel ħaddieħor. Kwindi talbu lill-Qorti sabiex (i) jiġi dikjarat li n-nota ta' qbid inħarġet mid-Direttur Ġenerali (Dwana) inġustament u b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amminstrattivi mogħtija lilu mill-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tordna r-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid 352/2019; u (iii) tordna lill-intimat sabiex jeħles u jirrilaxxa l-merkanzija maqbuda u miżmuma fil-pussess tad-Direttur Ġenerali ntimat skont in-nota ta' qbid 352/2019. B'riżerva għal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kontra d-Direttur Ġenerali (Dwana).

10. Da parti tiegħu d-Direttur Ġenerali (Dwana) wieġeb li: (I) it-talbiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma insostenibbli peress li fost affarijiet oħra: (i) huma kienu ser jimportaw 3,663 kartuna madum li ddikjaraw li kienu ser jimportaw minn Hong Kong permezz tad-dokument li jġib referenza TD ID 201960497376 u allura l-ebda *anti-dumping duty* ma kien dovut, mentri rriżulta li l-merkanzija effettivament kienet toriġina miċ-Ċina. B'hekk kienu ser jevadu *anti-dumping duty* ta' 30.6% u l-VAT relattiv ikkalkulat fuq il-valur tal-

merkanzija; (ii) jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrenti li dan il-ħlas tal-*anti-dumping fee* ma sarx bi żvista, peress li fid-dikjarazzjoni doganali ngħad li l-madum kien joriġina minn Hong Kong mentri fil-verita` joriġina miċ-Ċina, fejn l-imposta tal-*anti-dumping duty* tapplika biss għall-madum li joriġina miċ-Ċina skont ir-Regolament (EU) Numru 917/2011; (iii) illi d-dikjarazzjoni skorretta tfisser li l-Gvern kien ser jitlef dħul ta' €4,853 bħala *anti-dumping fee* u €874 f'VAT, li kieku ma saritx l-ispezzjoni; (iv) fi kwalunkwe każ ir-rikorrent jibqa' direttament responsabbli għad-dikjarazzjoni magħmula mit-terza persuna li kienet qiegħda taġixxi direttament f'isem u għan-nom ta' persuna oħra; (v) l-importatur jibqa' responsabbli li jippreżenta d-dokumentazzjoni korretta lill-Awtoritajiet doganali; (vi) il-proċedura tal-konfiska doganali hija waħda *in rem* u għalhekk il-Qorti għandha l-kompitu biss li tiddetermina jekk il-konfiska tal-merkanzija saritx fil-parametri tal-liġijiet doganali; (vii) illi n-nota ta' qbid in kontestazzjoni nħarġet skont il-liġijiet doganali u f'każ li r-rikorrenti jħoss li kien in-nuqqas tat-terza persuna li ġabitlu telf finanzjarju, għandu jitlob kumpens lill-istess terza persuna u mhux jitlob ir-revoka u l-annullament tan-nota ta' qbid; (II) iċ-ċirkostanzi tal-każ jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37; (III) id-dikjarazzjoni tar-rikorrent saret ukoll bi ksur tal-Artikolu 62(m) tal-Kap. 37; (IV) id-deċiżjoni tiegħu li jaqbad il-merkanzija hija konformi mal-fatt li r-Regolament (EU) Numru 917/2011, jipprovdi għall-*anti-dumping duty* fir-rigward tal-madum taċ-ċeramika li joriġina miċ-Ċina, skont l-Anness I tal-istess regolament; (V) il-merkanzija in kwistjoni ġiet rilaxxata kontra *bank draft* fl-ammont ta' €21,587 għall-finijiet tal-Artikolu 72(4) tal-Kap. 37 u għalhekk jiċħad l-argument tar-rikorrent li l-qbid qiegħed

jaffettwalu l-attivita` kummerċjali u jikkawża danni nġenti, li jekk xejn iridu jiġu ppruvati.

11. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2022, iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

12. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u appellaw minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq ħames aggravji: (A) L-iżball da parti ta' Michael Quattromani kien wieħed ġenwin u kellha tirriżulta n-nuqqas ta' intenzjoni da parti tar-rikorrenti li jivvjolaw xi provvediment tal-liġi doganali u dan skont il-ġurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward; (B) L-ammissjoni magħmula minn Michael Quattromani, il-persuna nkarigata mir-rikorrenti li jimla d-dokumenti doganali, li l-iżball kien tiegħu; (Ċ) Żball fir-Regolament ċitat mid-Direttur Ġenerali (Dwana) li ddikjara li l-*anti-dumping duty* kien qiegħed jiġi mpost skont ir-Regolament (EU) 917/2011, li kif osservat mill-ewwel Qorti m'għadux fis-seħħ u għalhekk l-intimat kien qiegħed isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq regolament skadut; (D) Nuqqas ta' apprezzament xieraq da parti tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha peress li l-Qorti li tat is-sentenza ma kinitx preseduta hekk kif kienet waqt is-smigħ tax-xhieda; (E) L-aggravju dwar l-ispejjeż ġudizzjarji huwa marbut mal-bqija tal-aggravji.

13. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju għandu jingħad li, filwaqt li din il-Qorti tagħmel referenza għall-provvediment tal-liġi ċitat mill-ewwel Qorti, jiġifieri l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, mhuwiex kontestat il-fatt li b'effett tal-mili tal-formula doganali, fis-sens li l-prodotti tal-madum taċ-ċeramika kienu joriġinaw minn Hong Kong ma kienx ser jattira ħlas ta' *anti-dumping duty,* mentri l-fatt li l-madum kien joriġina miċ-Ċina, kien ifisser li kellha titħallas *anti-dumping duty.* Dan jingħad peress li d-ditta minn fejn inxtara l-madum, senjatament Guangdong Overland Ceramics Co. Ltd., hija soċjeta\` li tirriżulta bħala elenkata fl-iskeda msejħa *Annex I* mar-Regolament 2017/2179, fejn skont paragrafu 2 tal-ewwel Artikolu tal-imsemmi regolament jingħad li l-prodotti li joriġinaw mis-soċjetajiet elenkati *f'Annex I* jattiraw *anti-dumping duty* ta' 30.6%. Kwindi m'hemmx dubju li bid-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti permezz tad-dokument doganali, kienet ser twassal li jiġi evitat il-ħlas ta' dazju li kien effettivament dovut lill-erarju pubbliku. Dan ifisser li l-merkanzija mportata mir-rikorrenti ċertament kienet tikkwalfika bħala "*oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew iddikjarati"* skont kif jipprovdi l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Dan iwassal għall-ewwel żewġ aggravji tar-rikorrenti, li jimmeritaw li jiġu trattati f'daqqa peress li jittrattaw żewġ aspetti li huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. L-ewwel wieħed jiċċentra fuq l-argument li l-fatt li l-persuna nkarigata mir-rikorrenti sabiex jieħu ħsieb id-dokumentazzjoni doganali, ċioe\`

Michael Quattromani, jingħad li għamel żball ġenwin ma jsarrafx fl-element intenzjonali meħtieġ sabiex topera l-konfiska u jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza estensiva in materja. Kwindi jisħqu li minkejja li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet li jeħtieġ li wieħed iqis l-aġir tal-allegat vjolatur, sabiex jiġi deċiż jekk ġewx vjolati jew le d-dispożizzjonijiet tal-liġi, jinsistu li l-aġir intenzjonali da parti tal-appellanti fil-każ in eżami huwa għal kollox ineżistenti, peress li mill-provi jirriżulta ċar li qatt ma kellhom l-intenzjoni li jivvjolaw il-liġi kif dikjarat fis-sentenza appellata. It-tieni aggravju jittratta l-fatt li mill-provi in atti jirriżulta li Michael Quattromani stess xehed li l-iżball kien tiegħu u minkejja li l-ewwel Qorti rreferiet għal din l-ammissjoni, ma tat l-ebda qies tagħha. Dan meta n-nuqqas ta' ħlas ta' *anti-dumping duty* kienet proprju bħal f'każ ieħor simili, żball fid-dikjarazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini li din il-Qorti kienet iddeċidiet li kien każ ta' żball ġenwin. Jikkontestaw il-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li f'dan il-każ ma rriżultalhiex li kien żball ġenwin, in kwantu jsostnu li l-ammissjoni skjetta ta' din it-terza persuna li l-iżball kien tagħha, hija konsistenti max-xhieda mogħtija mir-rikorrenti li kien l-istess Michael Quattromani li kien jieħu ħsieb l-obbligi doganali.

15. Jiġi osservat li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza relevanti in materja, fosthom is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Priscilla Cassar v. Kontrollur tad-Dwana**, deċiża fis-16 ta' Mejju, 2011, fejn ingħad li l-qrati jridu jikkonsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż l-aġir tal-allegat vjolatur u mhux japplikaw ir-regolamenti b'mod robotiku, tant li f'każ ta'

negliġenza jew żball ġenwin, il-konfiska m'għandhiex isseħħ, peress li jeħtieġ li jirriżulta l-element intenzjonali sabiex topera l-konfiska. Kif ukoll, saret referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fit-28 ta' April, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana),** fejn għal darb'oħra ġie meqjus nieqes l-element intenzjonali li jitwettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 37. Iżda kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, l-ewwel Qorti meta qieset kemm dak li ngħad minn Mangion, li kien iħalli kollox f'idejn Quattromani, dak li ngħad minn Quattromani, li xehed li kien kollu tort tiegħu, kif ukoll il-fatturi esebiti bħala Dok. TG2 u Dok. TG3, fejn jirriżulta b'mod ċar li l-prodott kien manifatturat iċ-Ċina, qieset li kuntrarjament għall-provi li rriżultaw fil-każ **Panta Marketing and Services Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana),** f'dan il-każ ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li l-iżball fil-każ odjern kien wieħed ġenwin.

16. Għandu jingħad mal-ewwel li, il-fatt li f'kawża partikolari ġie stabbilit li saret prova ta' żball ġenwin li eskluda l-element ta' intenzjonalita`, ma jfissirx li kull każ fejn jiġi eċċepit żball ġenwin, bil-fors ifisser li l-konfiska ma treġix, peress li n-nuqqas ta' intenzjonalita` jeħtieġ li tirriżulta f'kull każ sabiex titwaqqa' l-ordni ta' konfiska. Għalhekk kull każ irid jiġi eżaminat fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Tabilħaqq wara li din il-Qorti fliet ix-xhieda u l-provi in atti, ma tlumx lill-ewwel Qorti li ddubitat min-nuqqas ta' żball ġenwin. Dan jingħad peress li r-rikorrent appellant fix-xhieda tiegħu jisħaq li l-merkanzija konsistenti f'madum taċ-ċeramika kienet mixtrija miċ-Ċina u in kontro-eżami jinsisti li huwa ma jixtrix

minn Hong Kong, iżda dejjem miċ-Ċina, u li qatt ma semma Hong Kong ma' Michael Quattromani (ara a tergo fol. 33 u fol. 34 tal-proċess). Mentri Michael Quattromani jixhed li "*hu ġabli d-dokumentazzjoni kollha, ...l-iżball tiegħi kien li ħarist is-supplier minn fejn ġej, li huwa Hong Kong, allura fis-sistema tad-dwana jiena daħħaltu bħal HK minflok CN...qaluli Hong Kong m'għandux anti-dumping tax. Fil-każ taċ-Ċina hemm l-anti-dumping, allura d-Dwana esiġew li għamilna misdeclaration. Jiena spjegajtilhom li dan kien każ ġenwin għax jien ħarist lejn l-isem tas-supplier, li kienet tidher ċara Hong Kong.*" (Ara fol. 64) Quattromani ma esebixxa l-ebda dokument li juri li s-s*upplier* kien minn Hong Kong kif isostni fix-xhieda tiegħu, u din ix-xhieda tikkuntrasta ferm ma' dak li ngħad mir-rikorrent innifsu li huwa qatt ma semma Hong Kong.

17. Iżda apparti dan, l-uffiċjal tad-Dwana esebixxa huwa stess il-fatturi tal-merkanzija in kwistjoni, fejn minnha jirriżulta ċar kemm mill-fattura (Dok. TG 2 a fol. 78), kif ukoll id-dikjarazzjoni annessa (Dok. TG 3 a fol. 79) li l-madum ġie manifatturat minn Guangdong Overland Ceramics Co. Ltd. fiċ-Ċina, u li għandu t-*Taric additional code* ta' B182 (li huwa t-Taric identiku li jirriżulta mill-Anness tar-Regolament Ewropew ċitat qabel). Kien f'dan l-isfond li l-ewwel Qorti ddeċidiet li ma kinitx konvinta bin-nuqqas ta' intenzjonalita`. Huwa biss fid-dokument doganali li mtela mill-istess Quattromani, fejn jirriżulta li hemm indikat bħala "*Consignor/Exporter : World and Sun Limited, Room 1405 – Lucky Centre – 166, Wanchai Road, Wanchai, HK, Hong Kong.*" Imma mkien ma ngħatat spjegazzjoni ta' x'kienet ir-rabta bejn din is-soċjeta` u s-soċjeta` minn fejn

oriġina l-madum, meta l-istess rikorrenti fix-xhieda tiegħu jinsisti li huwa jixtri biss miċ-Ċina u qatt ma semma lil Hong Kong ma' Quattromani. Wara kollox kien jispetta lir-rikorrenti li jippruvaw fuq bażi ta' probabbilita` li dan kien każ ta' żball ġenwin kif sostnut minnhom.

18. Min-naħa l-oħra, għalkemm kif osservat mid-Direttur appellat, l-appellanti ma jistgħux jinħbew wara l-fatt li Michael Quattromani ammetta li kien żball tiegħu, peress li l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 jinkludi mhux biss lil min jimporta, iżda wkoll lil min iġiegħel jimporta għalih, jibqa' l-fatt li Quattromani baqa' jinsisti li r-rikorrent dejjem qallu li l-merkanzija kienet ġejja miċ-Ċina u l-iżball kien tiegħu meta daħħal l-ittri HK fis-sistema doganali li tfisser Hong Kong u din l-ammissjoni ma tistax tiġi skartata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu raġun l-appellat meta jingħad li jirriżulta nuqqas lampanti da parti tad-dikjarant, iżda dan in-nuqqas huwa wieħed ekwiparabbli ma' negliġenza. Ix-xhieda tar-rikorrent, fis-sens li huwa ma kienx għamel il-verifiki sew u li kien mingħalih li peress li l-madum kien irħis u sabiħ, tant li tela' għal container wieħed u spiċċa ordna erbgħa, hija aktar prova ta' aġir negliġenti da parti tal-importatur fis-sens li kien mingħalih li ser jagħmel biċċa negozju tajba mingħajr ma għamel il-verifiki kollha meħtieġa, meta ttanta jibda ġeneru ta' negozju differenti minn dak li normalment kien jopera fih. Tant li wara din il-konsenja, ir-rikorrent jixhed li ma reġax ġab madum. Iżda din l-ispjegazzjoni fiha nnifisha tixhed fi kliem l-istess appellat, traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb, iżda xxejjen l-element ta' intenzjonalita` da parti tar-rikorrent li jqarraq.

19. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti msemmija qabel ta' **Panta Marketing and Services Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana):**

> "*... din il-Qorti tirribadixxi li l-kaz in ezami jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 u ma taqbilx mas-socjeta` rikorrenti appellanti meta jinghad minnha li kien hemm xi nuqqas fl-agir tad-Direttur appellat, peress li tabilhaqq kif inghad mid-difensur tal-appellat, f'dan il-kaz id-Direttur Generali ma kellu l-ebda diskrezzjoni fil-hrug tan-nota ta' qbid, gialadarba l-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' zball f'dan il-kaz. Ghalhekk il-hrug tan-nota ta' qbid in konstestazzjoni, da parti tal-intimat appellat, kienet gustifikata. Madankollu, meta din il-Qorti tapplika l-insenjamenti msemmija fis-sentenza Mangion et v. il-Kontrollur tad-Dwana, citata qabel, li l-ligijiet m'ghandhomx jigu applikati b'mod robotiku u* ***jekk mic-cirkostanzi tal-kaz jirrizulta li l-agir tal-allegat vjolatur huwa aktar konsoni ma' kaz ta' negligenza jew ta' zball genwin, specjalment fejn ikun nieqes l-element intenzjonali, l-konfiska m'ghandhiex tibqa' fis-sehh.****"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti, filwaqt li ma ssib xejn x'tiċċensura fl-aġir tad-Direttur intimat, in kwantu ma kellu l-ebda diskrezzjoni fil-ħruġ tan-nota ta' qbid, hekk kif irriżultat dikjarazzjoni skorretta, f'dan il-każ issib li r-rikorrent kien negliġenti fl-aġir tiegħu meta naqas milli jivverifika d-dikjarazzjoni doganali magħmula minn terz f'ismu, fejn irriżulta li ġie ndikat li l-esportatur kien minn Hong Kong, minflok iċ-Ċina. Iżda dan in-nuqqas fih innifsu ma jistax jiġi ekwiparat mal-intenzjoni tar-rikorrent li jqarraq. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li filwaqt li l-ewwel talba tar-rikorrenti ma treġix, hemm lok li t-tieni talba tar-rikorrenti tiġi kkonsidrata favorevolment.

20. Madankollu n-nuqqas tal-element ta' intenzjonalita`, ma jfissirx li l-appellant m'għandu jħallas xejn. Din il-Qorti taqbel mal-appellat li l-fatt li l-importatur ma kienx jaf b'din l-*anti-dumping duty* applikabbli fir-rigward tal-

prodotti tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw miċ-Ċina (ara xhieda a fol. 34), dan in-nuqqas mhux skużabbli a bażi tal-prinċipju *ignorantia juris neminem excusat.* Filwaqt li din il-Qorti tqis xieraq li tilqa' l-aggravju mressaq mill-appellant, jeħtieġ li jiġi ndirizzat il-punt imqanqal mill-appellat li m'għandhiex tinħoloq sitwazzjoni fejn min hu diliġenti jiġi żvantaġġjat, u għalhekk l-appellant għandu jħallas l-*anti-dumping fee* ta' 30.6%, li hija fi kwalunkwe każ dovuta fuq il-merkanzija importata minnu skont ir-regolament 2017/2179. Kwindi jiġi ċċarat li għalkemm din il-Qorti tqis xieraq li tilqa' t-talba tar-rikorrenti li titħassar in-nota ta' qbid, b'dan illi r-rikorrenti jibqgħu obbligati li jħallsu l-ammont ta' €4,853 rappreżentanti l-*anti-dumping duty* u €874, rappreżentanti t-taxxa fuq il-valur miżjud.

21. Fil-verita`, ladarba qiegħed jintlaqa' l-aggravju tar-rikorrenti, ma hemmx ħtieġa li jiġu nvestiti t-tielet u r-raba' aggravji. Madankollu jiġi ċċarat biss li sa fejn l-appellat jagħmel referenza għar-Regolament (UE) Numru 917/2011, li kien skada u ġie sostitwit bir-Regolament (UE) Numru 2017/2179, ma jbiddel xejn mill-fatt li d-dazju tal-*anti-dumping* fuq il-merkanzija in kwistjoni, kien, għadu u jibqa' dovut. Fi kwalunkwe każ, in-nota ta' qbid in kontestazzjoni li nħarġet saret skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 u għalhekk il-proċeduri odjerni li fuqhom inħarġet l-istess nota ta' qbid saru kif suppost, peress li fil-mument tal-importazzjoni, ir-rikorrenti naqsu milli jiddikjaraw korrettement l-oriġini ta' merkanzija li wassal "*għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu*

*ġew iddikjarati."* Hekk ukoll, l-ilment tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' apprezzament tax-xhieda, il-fatt li l-Qorti li ddecidiet il-kawża ma kinitx l-istess Qorti li semgħet ix-xhieda, mhix raġuni valida sabiex titwarrab is-sentenza tal-ewwel Qorti, wara kollox, kif osservat mill-appellat, xhieda tista' titressaq permezz ta' affidavits. Jiġi osservat ukoll li din il-Qorti ma tisma' l-ebda xhieda direttament, iżda dan ma jippreklludix lil din il-Qorti milli tagħmel apprezzament sħiħ tax-xhieda mressqa quddiem l-ewwel Qorti. Isegwi li dawn iż-żewġ aggravji ma jreġux.

22. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. Konsidrat li din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju tar-rikorrenti u tordna t-tħassir tan-nota ta' qbid, b'dan illi jibqgħu dovuti l-ammonti rappreżentanti l-*anti-dumping duty* u t-taxxa fuq il-valur miżjud, tqis xieraq li f'dan il-każ l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell interpost mir-rikorrenti appellanti, billi tilqgħu *in parte* u għalhekk tvarja s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha sa fejn ċaħdet l-ewwel talba tar-rikorrenti, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba, peress li l-merkanzija llum-il ġurnata tinsab rilaxxata kontra garanzija, iżda tħassarha sa fejn ċaħdet it-tieni talba tar-rikorrenti, u

għalhekk tordna lill-appellat Direttur Generali (Dwana) sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' din is-sentenza, jirrilaxxa l-garanzija li ġiet miżmuma minnu skont in-nota ta' qbid li ġġib referenza 352/2019, limitatament sal-ammont ta' ħmistax-il elf tmien mija u sittin ewro u żewġ ċenteżmi (€15,860.02).

Konsidrat in-natura tal-każ, tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm